**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru: 1906/2018 LM**

**Rikors Revoka Nru: 1261/2018MH**

**Illum, 8 ta' Frar 2019**

**Excel Homes Real Estate Limited**

**Vs.**

**Martin Pace et**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors datat 18 ta' Diċembru, 2018 a folio 1 fejn r-rikorrenti talbet ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru hawn fuq indikat a bażi ta' l-artikoli 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12. Ukoll li jiġu applikati d-danni 836(8)(b) u (d) tal-Kap 12.

Rat ir-risposta tas-soċjeta sekwestranti, waħda oppositorja (a folio 4) li rribatiet it-talbiet, in kwantu għaliha l-ammont mhux wieħed eċċessiv ukoll illi ma jirriżultawx r-rekwisiti tas-sub inċiż (f).

Rat ukoll in-nota tas-sekwestrata/rikorrenti (a folio 8).

Ikkonsidrat;

Illi bla dubju ta' xejn dak hawn allegat jeħtieġ prova sal- prima facie. Ċertament ukoll illi ma tressqet ebda prova dejjem (sal- prima facie) li l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv u l-anqas kif trid il-liġi li nbidlu xi ċirkostanzi minn meta nħareġ il-mandat. Dawn huma r-rekwisiti meħtieġa fis-sub inċiżi invokati. L-anqas ma tista r-rikorrenti tressaq il-fatt li hi ma kienetx konparteċipi fil-kuntratt bażi tal-kawża, dan għaliex almenu sal-grad prima facie jidher li anke kienet preżenti ghall-istess ma żewġha, dan dejjem jingħad bla preġudizzju għal prinċipji riżultanti minn akkordju kuntrattwali kif ben elenkati mill-istess sekwestrata.

Konsegwentament tqies li t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bi spejjeż għaliha.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**